**Q O R T I  Ċ I V I L I**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 5 ta' Lulju 2018**

**Rikors Guramentat Nru. 98 / 16RGM**

**Kawza fil-lista: 19**

**A B u bintha C B**

**Vs**

**L-Avukat D Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg li permezz ta' digriet datat 30 ta' Mejju 2018 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi incerti tal-mejjet D McManus u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-attrici Natalie B hija l-omm naturali ta' C B.

Illi l-attrici C B hija l-wild naturali tal-konvenut D Mc Manus minn relazzjoni li huwa kellu snin ilu ma' omm l-attrici, Natalie B.

Illi dan il-fatt gie wkoll dikjarat fl-affidavit ta' omm C B, Natalie B kif wkoll dikjarazzjoni tat-tabib kuranti tal-familja, tabib George Grech MRCS LRCP. Ta' dan hemm xhieda ohra fosthom u mhux biss omm u hut id-defunt D Mc Manus.

Illi di piu u ghac-certezza ta' dan l-fatt, saru wkoll testijiet tad-DNA u dan il-fatt huwa wkoll konfermat mill-istess rizultat tad-DNA Paternity Test Report.

Illi mill-Att tat-Twelid tal-attrici C B jirrizulta illi fil-kolonna tal-Isem u Kunjom Missier it-Tarbija" gew registrati l-kelmiet: "unknown father" ossia "missier mhux maghruf".

Illi l-konvenut D Mc Manus kien miet fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elf disa mija u erba’ u disghin (1994). Huwa kien miet minhabba li kien abbuza minn sustanza illecita.

Illi ghalkemm 1-attrici sejhet lill-eredi tal-konvenut u lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigu kkancellati l-kelmiet "unknown father" mill-kolonna relattiva tac-Certifikat tat-Twelid tal-attrici C B u jissostitwixxi l-istess kliem bil-konnotati tal-kontenut D McManus, izda dan baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponent, ai termini tal-Artikolu 864 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-attrici [C B] huwa il-konvenut D Mc Manus; u

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-attrici huwa jikkancella l-kliem "unknown father" rnill-kolonna tal-"Isem u Kunjom missier it-tarbija", u tissostitwixxihom bil-hliem " D Mc Manus;" u jirregistra wkoll fl-istess Att il-konnotati tal-imsemmi D Mc Manus.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artiliolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi bla hsara ghal premess l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;

3. Illi minghajr pregudizzju ghalkemm jidher illi gie prrezentat test tad-DNA kemm-il darba dan jitqies li huwa wiehed validu xorta jehtieg illi jkun mahluf mit-tekniku li jkun wettaq t-test u dana sakemm l-Onorabbli Qorti ma thossx il-htiega illi dan ghandu jerga' jsir mill-gdid ai termini tal-Artikolu l00A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghas-suespost f’kaz li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lill-eredi tad-decujus D Mc Manus sabiex jipprezentaw id-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament is-segwenti: (l) In-numru tal-karta tal-ldentita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta` tieghu meta twieldet C B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet C B, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-

imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet C B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tar-rikorrenti C B;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi ghandu jigi ukoll deciz b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi r-rikorrenti C B a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-24 ta’ Mejju 2016 fejn gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredi tal-mejjet D Mc Manus;

Rat id-digriet sussegwenti taghha tas-6 ta’ Lulju 2016 fejn irrevokat il-hatra tal-Kuraturi Deputati u ordnat in-notifika tal-bandu lil omm id-decuius, E Mc Manus, u lil hu d-decuius, F Mc Manus;

Rat illi minkejja li gew notifikati persuni li jigu mill-mejjet D Mc Manus, hadd minnhom ma deher biex jaccetta l-bandu tal-Kuraturi;

Rat illi b'digriet tat-30 ta' Mejju 2018 regghu gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-eredi incerti tad-decuius l-avukat D Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg.

Rat l-avviz ippubblikat fis-27 ta’ Mejju 2016 a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16;

Rat id-dikjarazzjoni registrata mill-attrici waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar 2018 ghall-finjiet tal-Artikolu 278 tal-Kodici Civili, bil-konnotati tad-decuius D Mc Manus, kif ukoll in-nota taghha tat-23 ta' Frar 2018, u dan riferibbilment ghat-tielet paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi waqt l-istess udjenza tat-22 ta' Frar 2018 l-attrici A B ddikjarat li ghall-finiijet tal-Artikolu 92(1) tal-Kodici Civili, l-attrici C B tixtieq li mal-emenda fl-att tat-twelid tassumi l-kunjom "Mc Manus B";

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Il-Ligi**

In tema legali jinghad illi l-**Artikolu 86A tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawza jipprovdi illi:-

**86A.** *(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

*(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.*

L-**Artikolu 100A** jipprovdi hekk:

*"F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.*

L-**Artikolu 70A** fil-parti relevanti ghal din il-kawza, jipprovdi illi:

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel -*
*(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;*
*(b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;*
*(ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*
*(d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

Ikkunsidrat;

**<u>Provi</u>**

Flimkien mar-rikors guramentat promotur, giet annessa vera kopja ta' **l-att tat-twelid tal-attrici C B** (Dok. AS5 a fol 21).

**L-attrici A B xehdet permezz ta' zewg Affidavits**[1], fejn ikkonfermat illi wara li sseparat minn ma' zewgha F Grange, hija bdiet relazzjoni ma' D Mc Manus u damu madwar sentejn jghixu flimkien gewwa post ix-Xghajra li hija kienet tikri minghand omm l-istess D Mc Manus. L-attrici tkompli tispjega li matul dan il-perijodu li hija kienet tghix ma' D Mc Manus, huma kellhom relazzjonijiet intimi regolarment u eventwalment hija harget tqila. Fil-25 ta' Jannar 1994, welldet tifla, l-attrici C B.

L-attrici tghid illi ghalkemm D Mc Manus kien missier it-tarbija u kien prezenti wkoll waqt it-twelid, hija ddecidiet li tirregistra t-twelid ta' bintha wahedha bl-indikazzjoni li missier it-tarbija mhux maghruf, ghaliex dak iz-zmien huwa kellu l-vizzju tad-droga u kien qed isegwi programm ta' rijabilitazzjoni gewwa Santa Marija Hospital. L-attrici kompliet tispjega illi l-intenzjoni taghha kienet li tirregistra lil D McManus bhala missier it-tarbija biss wara li jkun temm il-

[1] Dok. AS2 a fol. 17 u Dok. NS a fol. 58 *et seq.*

programm tar-rijabilitazzjoni. Madanakollu, l-imsemmi D Mc Manus miet fis-17 ta' Frar 1994.

L-attrici fissret ukoll li l-familja kollha ta' D Mc Manus jafu li t-tifla taghha C hija bintu, tant illi ommu E Mc Manus qablet li tissottometti ruhha ghat-test genetiku biex tigi stabbilita l-paternita` tieghu.

**Xehdet ukoll l-attrici C B, permezz ta' Affidavit** mahluf fis-6 ta' Ottubru 2015 fejn ikkonfermat illi l-familja taghha dejjem qalulha li hija bint D Mc Manus li kien miet ftit tal-jiem wara li twieldet, u dan waqt li kien qieghed rikoverat gewwa l-iSptar Santa Marija ghaliex kien jabbuza mid-droga.

Tkompli tispjega illi ommha u kif ukoll il-familja ta' missierha dejjem urewha rispett bhala wahda mill-familja minkejja li missierha kien mejjet, u n-nanna paterna taghha dejjem hadet hsieb tajjeb taghha.

L-imsemmija attrici fissret kif ommha kienet spjegatilha li minhabba l-vizzju tad-droga li kellu missierha, l-imsemmi D Mc Manus, hija kienet iddecidiet li tirregistra t-twelid minghajr indikazzjoni tal-isem tal-missier. Kompliet tghid li llum, hija tixtieq li isem missierha jigi registrat fuq l-att tat-twelid taghha ghaliex ma tridx li fuq l-att tat-twelid tibqa' tidher bhala bint ta' missier mhux maghruf, u kien proprju ghalhekk li hi, ommha u omm missierha ghamlu test genetiku li kkonferma li hija bint l-imsemmi D Mc Manus li huwa del resto fatt li jafuh il-membri kollha tal-familja ta' missierha kif ukoll nies li huma qrib ta' ommha l-attrici Natalie B.

Giet esebita wkoll **dikjarazzjoni, mhux guramentata, tat-Tabib George Grech**[2] datat 10 ta' Gunju 1994, fejn ikkonferma illi f'Ottubru 1993 D Mc Manus kien gie ammess fl-iSptar Santa Marija biex isegwi programm ta' ditossifikazzjoni mill-vizzju tad-droga li kellu, u li huwa miet fis-17 ta' Frar 1994. Ikkonferma ulterjorment illi huwa jaf li l-imsemmi D Mc Manus kien jghix mal-attrici Natalie B gewwa Haz Zabbar u li meta l-imsemmija attrici welldet it-tifla taghha, missier

[2] Dok. AS3 a fol. 18, li huwa l-istess bhal Dok. Z1 a fol. 60.

it-tarbija ghalkemm kien ghadu qed isegwi l-programm ta' rijabilitazzjoni, kien thalla jattendi ghat-twelid u jorqod fid-Detox Centre tal-iSptar San Luqa biex ikun vicin tal-attrici.

Giet esebita kopja tac-**certifikat tal-mewt tal-imsemmi D Mc Manus**, li miet fis-17 ta' Frar 1994[3] kif ukoll ir-ricerki testamentarji tieghu[4] li juru li ma kien halla ebda testment.

L-atturi pprezentaw ukoll **DNA Paternity Testing Report** maghmul minn Dr. Marisa Cassar fit-18 ta' Mejju 2015[5], li jikkonferma l-filjazzjoni tal-attrici C B bhala bint il-mejjet D Mc Manus.

**Xehdet ukoll l-istess Dr. Marisa Cassar** fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, li kkonfermat li peress li f'dan il-kaz ma kienx hemm disponibbli l-kampjun tal-mejjet, uzat kampjun ta' membru tal-familja tieghu, cioe` ta' ommu E Mc Manus u hadmet, pjuttost milli *normal paternity test*, dak li jissejjah *avancular index* fejn ikun intuza kampjun ta' rapprezentant tal-allegat missier. Kompliet tispjega illi l-kampjuni ttiehdu minn fuq il-persuna tal-attrici Natalie B, tat-tifla C B, kif ukoll ta' omm l-allegat missier bhala xi hadd li jigi minnu.

Ix-xhud ikkonfermat illi wara li gew imqabbla l-*profiles* ta' A B ma' dawk ta' bintha, jirrizulta li m'hemmx dubju li A B hija omm C B, u kkonfermat ulterjorment illi dan it-test ikkonkluda wkoll li wiehed ma jistax jeskludi li t-tifel ta' E Mc Manus huwa missier C B. Ix-xhud fissret li din il-konkluzjoni giet raggunta abbazi tal-persentagg ta' 99.74% li, ghal kaz rapprezentattiv ghall-finijiet tal-*avancular test*, huwa rizultat gholi hafna li juri li l-probabbilita` li bin E Mc Manus huwa l-missier ta' C B, hija 99.74%.

Ikkunsidrat;

---

[3] Dok. A a fol. 31.
[4] Dok. B u C a fol. 32 *et seq*.
[5] Dok. AS4 a fol. 19 u 20.

Illi mill-atti ta' din il-kawza, senjatament ix-xhieda ta' Dr. Marisa Cassar u dik tal-attrici A Sultanta, jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti mill-ligi sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi, gew pjenament sodisfatti. Ir-rapport dwar it-testijiet genetici li saru f'dan il-kaz, kif ikkonfermat u mfisser mill-imsemmija xhud Dr. Marisa Cassar, ma jhalli l-ebda dubju li l-mejjet D Mc Manus huwa l-missier naturali tal-attrici C B.

Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi mressqa li l-mejjet D Mc Manus huwa l-missier bijologiku tal-attrici C B u dan l-istat ta' fatt ghandu jigi rifless fl-att tat-twelid taghha. Ghalhekk, it-talbiet attrici jisthoqq li jigu akkolti.

B'referenza ghar-raba' eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, jirrizulta illi din giet sorvolata bid-dikjarazzjoni registrata waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, fejn l-attrici Natalie B elenkat il-konnotati tal-mejjet D Mc Manus ghall-finijiet tal-Artikolu 278, kif ukoll li l-kunjom li tixtieq tassumi bintha b'effett tas-sentenza eventwali f'din il-kawza li tiddikjara l-filjazzjoni taghha, huwa "Mc Manus B".

Konformament mal-premess, il-Qorti ghalhekk tordna illi kunjom l-attrici C B ghandu jkun "Mc Manus B" u tordna illi l-att tat-twelid taghha jigi emendat sabiex ikun jirrifletti din l-ordni. B'hekk giet indirizzata wkoll il-hames eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Dwar il-kap tal-ispejjez, il-Qorti hija tal-fehma illi in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, is-sitt eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku timmerita li tigi milqugha b'dan illi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-kuraturi deputati billi:

1. Tilqa` l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara illi l-missier naturali tal-attrici C B huwa l-mejjet D Mc Manus; u

2. Tilqa` wkoll it-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att ta' Twelid tal-attrici C B jikkancella l-kliem "*unknown father*" mill-kolonna indikata "Isem u Kunjom Missier it-Tarbija" u jissostitwixxihom bil-kliem "D Mc Manus", bil-konnotati kollha ta' l-istess D Mc Manus kif indikati a fol 66 u 70 tal-process, u tordna wkoll li l-istess attrici C B tkun maghrufa bil-kunjom "Mc Manus B".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi.

**Imhallef** **Deputat Registratur**